MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tas-17 ta' Settembru, 2004

Appell Kriminali Numru. 73/2004

**Il-Pulizija**

**vs**

**Lawrence Camenzuli**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Lawrence Camenzuli talli fis-17 ta’ Lulju 2003 u fil-gimghat ta’ qabel f’B’Kara bla hsieb li jisraq jew li jaghmel hsara kontra l-ligi, izda biss biex jezercita jedd li jippretendi li ghandu, gieghel bl-awtorita` tieghu innifsu lil xi hadd ihallas dejn, jew jesegwixxi obbligazzjoni tkun li tkun, jew fixkel lil xi hadd fil-pussess ta’ hwejgu jew b’xi mod iehor, kontra l-ligi indahal fi hwejjeg haddiehor billi fixkel lil Serafina Camenzuli mill-pussess ta’ hwejjigha;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-10 ta' Marzu 2004 li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Lawrence Camenzuli hati ta' l-imputazzjoni dedotta kontra tieghu u lliberatu bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien xahar mid-data tas-sentenza u obbligatu sabiex fi zmien xahar mill-gurnata tas-sentenza jaghti kopja tac-cavetta lil martu Serafina Camenzuli;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi Lawrence Camenzuli fejn talab li din il-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata u tillibera lill-appellant minn kull imputazzjoni u htija u tiddikjarah mhux hati skond il-ligi;
Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni ta' Dott. Lorna Cachia ghall-appellant u ta' Dott. Mark Said ghall-appellat;

Ikkunsidrat:

Ir-reat addebitat lill-appellant huwa dak ta' *ragion fattasi* taht l-artikolu 85 tal-Kap. 9. L-elementi kostituttivi ta' dan ir-reat huma, kif gie diversi drabi ritenut fil-gurisprudenza taghna:

"(1) att estern li jispolja lil xi hadd iehor minn haga li jkun qieghed igawdi, liema att ikun ezegwit kontra l-opposizzjoni, espressa jew presunta, ta' dan il-hadd iehor; (2) il-kredenza li l-att qieghed isir b'ezercizzju ta' dritt; (3) il-koxjenza fl-agent li hu qieghed jaghmel 'di privato braccio' dak li jmissu jsir per mezz ta' l-awtorita` pubblika (jew, fi kliem il-Crivellari, Il Codice Penale per il Regno d'Italia Interpretato ecc., Torino, 1895, Vol. VI, pagna 749, 'la persuasione di fare da se` cio` che dovrebbe farsi reclamando l'opera del Magistrato'); u (4) in-nuqqas ta' titolu li jirrendi l-fatt aktar gravi (ara, fost diversi sentenzi, Il-Pulizija v. Salvatore Farrugia, Appell Kriminali 14 ta' Dicembru, 1957, Vol. XLI.iv.1506; Il-Pulizija v. Carmel sive Charles Farrugia, App. Krim. 17 ta' Frar, 1995; Il-Puliziia v. Carmelo Ciantar, 18 ta' Settembru, 1996; ara wkoll Falzon, G., **Annotazioni able Leggi Criminali** (Malta), 1872, p. 123). Hu risaput - u dan, del resto, johrog mill-istess definizzjoni tar-reat in dizamina - li l-istess att

materjali jista’ jaghti lok ghar-reat ta’ ***ragion fattasi*** jew ghal reat iehor (hsara volontarja, serq), u jekk ikunx hemm dana r-reat ta’ ***ragion fattasi*** jew xi reat iehor ikun jiddependi mill-intenzjoni tal-agent. Hu rrelevanti jekk dina l-intenzjoni tikkwalifikax bhala intenzjoni specifika jew intenzjoni generika”[1]

L-aggravju ta' l-appellant huwa fis-sens li mill-provi prodotti l-ebda wiehed mill-erba' elementi msemmija ma gie pruvat. Ighid li ma jirrizultax li huwa spolja lil martu minn xi haga illi kienet qieghda tgawdi fis-17 ta' Lulju 2003 u fil-gimghat ta' qabel. Kien circa tnax-il sena ilu illi mart l-appellant irrinunzjat ghall-abitazzjoni fid-dar konjugali billi ddecidiet li tabbandunaha minn jeddha, minghajr ebda raguni valida u kapriccjozament u inoltre qatt ma kien hemm l-*animo ritornandi*. Kien biss is-sena l-ohra meta nbdew proceduri civili ghal separazzjoni personali li mart l-appellant uriet interess fic-cavetta tad-dar konjugali. L-appellant jghid li huwa biddel is-serratura tad-dar konjugali circa tnax-il sena ilu u s-sena l-ohra rrifjuta li jikkonsenja c-cavetta lil martu sabiex jipprotegi l-inkolumita` tieghu mill-barranin.

Ir-reat ta’ *ragion fattasi* huwa meqjus bhala delitt kontra l-amministrazzjoni tal-gustizzja u amministrazzjonijiet pubblici ohra. Ghalhekk anke fil-kaz ta’ ko-pussessuri (bhalma jista’ jkunu r-ragel u l-mara) dak hi hu mehtieg hu li huma “jaghmlu, kull wiehed minnhom, uzu ragonevoli mill-oggett b’mod li ma jkunx jista’ jinghad li wiehed qed jippriva lill-iehor mit-tgawdija ragonevoli ta’ dak l-oggett” (Appell Kriminali **Il-Pulizija vs Georgina Gauci,** 7 ta’ Jannar 1998, Vol. LXXXII.iv.76). Ghalhekk l-att li bih ko-pussessur ibiddel is-serratura ta' dar biex b'hekk jipprekludi lill-ko-pussessur l-iehor milli jkollha access ghad-dar, huwa bla dubju ta' xejn att ta' *ragion fattasi*.

Il-fattispeci kif ukoll il-punt legali involut f'dan il-kaz huma simili hafna ghal dawk fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Raymond Pace** deciza minn din il-Qorti fl-1 ta' Dicembru

---

[1] Ara, fost ohrajn, Appell Kriminali **Il-Pulizija vs Mario Lungaro**, 15 ta' Novembru 1996.

2000. F'dik il-kawza din il-Qorti kienet esprimiet ruhha hekk dwar il-pozizzjoni tad-dar matrimonjali:

"Ghar-risoluzzjoni ta' dan il-kaz, wiehed irid jara x'inhi ezattament il-pozizzjoni tad-dar matrimonjali ghal dak li jirrigwarda t-tgawdija taghha mill-konjugi. Fil-fehma tal-Qorti, meta l-konjugi jistabilixxu d-dar matrimonjali skond l-Artikolu 3A tal-Kodici Civili, huma jkollhom dritt ta' tgawdija ugwali ta' l-imsemmija dar; huma ghandhom jitqiesu bhala 'ko-pussessuri' tad-dar matrimonjali indipendentement minn jekk id-dar tkunx tappartjeni, cioe` bhala proprjeta`, kollha kemm hi jew sehem minnha lil parti wahda mill-mizzewgin (ara s-subartikolu (2) tal-Artikolu 3A imsemmi). Bhala ko-pussessuri, kull wiehed mill-konjugi ghandu dritt jaghmel uzu ragjonevoli mid-dar b'mod li ma jipprivax lill-parti l-ohra mit-tgawdija ragjonevoli tal-istess dar (ara f'dan is-sens is-sentenza ta' din il-Qorti tas-7 ta' Jannar, 1998 fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Georgina Gauci** li ghaliha ghamlu referenza kemm l-appellant kif ukoll l-Avukat Generali). Il-konjugi jibqghu hekk ko-pussessuri anke jekk parti minnhom, fil-pendenza ta' kawza ta' separazzjoni, titlaq mid-dar matrimonjali, <u>sakemm ma jkunx hemm ordni ta' qorti kompetenti li tiddetermina min mill-konjugi ghandu jibqa', *pendente lite*, f'dik id-dar ad eskluzjoni tal-parti l-ohra</u> (Artikolu 46, Kap. 16). Kieku kien mod iehor, cioe` kieku l-parti li thalli d-dar matrimonjali *pendente lite* titlef id-dritt taghha ta' tgawdija tad-dar u d-dritt li x'hin trid terga' tidhol f'dik id-dar, anke jekk temporanjament, tigi nieqsa incentiva kbira ghar-rikonciljazzjoni bejn il-partijiet; u, kif inhu risaput, il-ligi tiffavorixxi r-rikoncjiljazzjoni (ara l-Artikoli 37(2), 42(1) u 58(1) tal-Kap. 16). Ma huwiex korrett l-appellant meta jikkontendi li ghax martu abbandunat id-dar matrimonjali hi 'ddekadiet mid-dritt ta' l-uzu u l-pussess tad-dar'. Id-dekadenza li tikkommina l-ligi meta parti fiz-zwieg titlaq mid-dar matrimonjali hija fir-rigward tad-dritt ghall-manteniment mill-parti l-ohra, u dana biss kemm-il darba l-parti li tkun telqet mid-dar tirrifjuta minghajr raguni valida li tirritorna lura f'dik id-dar (Artikolu 6, Kap.16). Ghalhekk, meta fil-pendenza ta' kawza ta' separazzjoni parti fiz-zwieg thalli d-dar matrimonjali - u salv dejjem sakemm ma jkunx hemm ordni tal-qorti kompetenti skond it-tieni parti

tal-Artikolu 46 imsemmi - il-parti l-ohra ma tista' taghmel xejn intiz sabiex jimpediha milli jkollha access liberu ghad-dar matrimonjali. Veru li l-parti li tkun halliet id-dar matrimonjali ma jkollhiex il-pussess 'materjali' tad-dar u tal-oggetti fid-dar, izda jkollha dejjem il-pussess 'legali'. S'intendi, dan ma jfissirx li min jibqa' fid-dar matrimonjali ma jistax jiehu dawk il-prekawzjonijiet ragjonevoli sabiex jassigura, per ezempju, li terzi persuni li ma ghandhomx dritt jidhlu fid-dar ma jidhlux. Tali prekawzjonijiet ragjonevoli jistghu jkunu jirrikjedu t-tibdil tac-cavetta tal-bieb ta' barra; pero` jekk isir hekk irid jigi assigurat mill-banda l-ohra li l-parti li tkun halliet id-dar matrimonjali jkollha l-possibilita` li tidhol fid-dar x'hin trid, u, jekk tkun trid, anke li tibqa' f'dik id-dar".

Issa, fil-kaz in ezami, jirrizulta mill-provi li l-hajja matrimonjali bejn l-appellant u martu Serafina Camenzuli ma kinitx wahda felici u li l-problemi bejniethom bdew almenu tnax-il sena ilu. Difatti mart l-appellant xehdet li kienet bidlet l-indirizz tal-karta ta' l-identita` taghha tnax-il sena ilu izda kienet baqghet torqod fid-dar matrimonjali sakemm it-tifel ghalaq tmintax-il sena. Illum ghandu wiehed u ghoxrin sena. L-appellant, kuntrarjament ghal dak li hemm fir-rikors ta' appell, xehed li biddel ic-cavetta tad-dar matrimonjali tliet snin ilu. Jekk dan huwa l-kaz, iz-zmien allura jidher li jaqbel ma' dak li qalet martu, cioe` li baqghet torqod id-dar sakemm it-tifel ghalaq it-tmintax-il sena (li jekk illum ghandu wiehed u ghoxrin sena jfisser sa tliet snin ilu). Mill-banda l-ohra mart l-appellant tinsisti li ftit qabel ma skopriet li l-appellant kien biddel is-serratura kienet dahlet fid-dar ma' binha li kien fetah bic-cavetta l-qadima.

Fil-kaz in dizamina, anke li kieku wiehed kellu joqghod fuq il-verzjoni tal-fatti moghtija mill-appellant fid-depozizzjoni tieghu quddiem din il-Qorti, hu evidenti li l-imsemmi appellant biddel is-serratura proprju biex ma jhallix lil martu tidhol fid-dar x'hin trid. B'dan il-mod, u ghar-ragunijiet aktar 'il fuq imfissra fis-sentenza citata, hu kien qed ifixkel lil martu fil-pussess ta' hwejjigha ossia jindahal fi hwejjigha, kemm ghal dik li hi d-dar matrimonjali kif ukoll ghal dawk li huma oggetti fid-dar li huma proprjeta` taghha

jew li jiffurmaw parti mill-komunjoni tal-akkwisti. Ma jirrizultax li fil-perijodu in kwistjoni kien hemm ordni tal-qorti kompetenti li kienet tawtorizzah jaghmel hekk, ossia li kienet tiddetermina li hu seta' joqghod fid-dar matrimonjali ad eskluzjoni ta' martu. Jekk kien qieghed jibza' ghall-inkolumita` tieghu, l-appellant kellu rimedji gudizzjarji li seta' jaghmel uzu minnhom - seta' per ezempju dak iz-zmien irrikorra quddiem is-Sekond'Awla tal-Qorti Ciuvili skond l-artikolu 6A tal-Kap. 16. Ma setax, pero`, jiehu l-ligi f'idejh u jippriva lil martu mit-tgawdija tad-dar matrimonjali u ta' l-oggetti ta' go fiha.  Ghalhekk kienet korretta l-ewwel Qorti meta sabitu hati tar-reat kontemplat fl-artikolu 85 tal-Kodici Kriminali. Minhabba c-cirkostanzi li wasslu lill-appellant biex ibiddel is-serratura pero` din il-Qorti se thassar dik il-parti tas-sentenza ta' l-ewwel Qorti fejn ordnat li ghandu jaghti kopja tac-cavetta lil martu b'dan illi, sakemm ma hemmx sallum ordni appozita minn Qorti kompetenti, ghandu jassigura li martu jkollha access liberu ghad-dar matrimonjali.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddisponi mill-appell billi tirriforma s-sentenza appellata u, filwaqt li tikkonfermaha fejn sabet lill-appellant hati ta' l-imputazzjoni dedotta kontra tieghu u lliberatu taht l-artikolu 22 tal-Kap. 446 bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien xahar, liema perijodu jibda jiddekorri millum, thassarha f'dik il-parti fejn obbligat lill-appellant sabiex fi zmien xahar jaghti kopja tac-cavetta lil martu Serafina Camenzuli. Ghal kull bwon fini din il-Qorti regghet spjegat lill-appellant bi kliem car ir-responsabbilta` tieghu skond il-ligi jekk jikkommetti reat iehor matul dan il-perijodu ta' liberazzjoni taht kondizzjoni.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------